Irkejjen Storiċi

minn Vincent ZAMMIT

# L-IMNAJDRA II



*Mnajdra: Il-faċċata tat-tieni tempju*

It-tempji preistoriċi ta' l-Imnajdra diġà ddiskutejna kif instabu u d-diversi studji li saru dwarhom f'appuntament ieħor li kellna f'din ir-rubrika. F'dan l-appuntament tal-lum se naraw uħud mid-dettalji li wieħed jista' japprezza fihom.

## L-ewwel tempju

Il-fdalijiet li nsibu hawn huma ta' tliet tempji. L-eqdem wieħed hu l-iżgħar ukoll, u barra minhekk hu mibni minn ġebel żgħir. Dan jurina li l-ewwel tentattivi ta' dawn in-nies fil-bini tat-tempji kien ikun b'ġebel żgħir, u fuq skala iżgħar. Jista' jkun li hawnhekk kienu għadhom qegħdin jesperimentaw fil-bini, u għalhekk it-teknika fl-użu ta' ġebel akbar kellha tiġi aktar tard u wara diversi tentattivi.

Il-forma ta' dan l-ewwel tempju hi magħrufa bħala *trefoil,* jew inkella trifolju. Dan ifisser li hemm bħal tliet kmamar, li nbnew fil-forma ta' tnejn fuq il-ġnub u kamra oħra żgħira fil-faċċata tad-daħla. Il-ġebel f'dan it-tempju hu ftit iddekorat.

## It-tieni tempju

It-tieni tempju li nsibu f'dan il-kumpless hu kbir, imdaqqas, u mimli rkejjen interessanti. Il-faċċata hi simili għat-tempji l-oħra, speċjalment għal dik ta' Ħaġar Qim. Id-differenza hi li din ta' l-Imnajdra hi mibnija bil-ġebel taż-żonqor, u l-kisra tad-dawra tal-faċċata hi aktar magħluqa minn dik ta' Ħaġar Qim. Minħabba li l-ġebel użat hu dak taż-żonqor, naraw li ma jkunx jista' jinħadem u jiġi irfinut bħall-ġebla tal-franka. Minħabba f'hekk jagħti dehra differenti.

Id-daħla hi interessanti minħabba ċertu dettalji. L-ewwelnett ta' min jagħti ħarsa quddiem it-tempju. Il-fetħa qiegħda tħares fuq misraħ, bħal kull tempju preistoriku ieħor. Iżda hemm min jaħseb li dan il-misraħ, biex ngħidulu hekk, oriġinarjament kien iċċangjat. Din ma kinitx xi ħaġa rari, minħabba li t-tempji ta' Kordin għandhom l-istess arranġament quddiem id-daħla tat-tempju. Jista' jkun li llum, ħafna minn dan il-ġebel intilef. Wieħed ma jista' qatt jinsa li l-fetħiet ta' quddiem it-tempji kellhom skop importanti. Kien hawnhekk li kienu jsiru l-attivitajiet fejn seta' jieħu sehem il-pubbliku in ġenerali. Mhux ta' b'xejn li uħud mit-tempji kellhom arranġamenti kkumplikati fuq quddiem.

Ta' min wieħed jinnota ġebla partikulari li naraw eżattament maġenb l-ewwel ġebla li hemm wieqfa fuq in-naħa tax-xellug. Din il-ġebla maħduma għandha l-forma ta' simbolu falliku, u wieħed jaf li ħafna mill-kult u t-twemmin ta' dawn in-nies kien ibbażat ħafna fuq il-fertilità. Meta wieħed isemmi l-fertilità irid jiftakar ukoll li dawn kienu jemmnu li l-fertilità kienet l-aktar ħaġa importanti għalihom, u għalhekk il-kunċett tal-fertilità kien marbut ma' kull ħaġa li kienet teżisti — kemm jekk kienet il-fertilità tan-nies, kif ukoll ta' l-annimali u anke ta' l-art. Instabu diversi eżempji ta' dawn is-simboli falliċi madwar it-tempji Maltin.

Id-daħla ta' dan it-tempju hi impressjonanti. Dan hu minħabba l-fatt li naraw ġebel wieqaf li juri ż-żmien tiegħu.

Hemm ukoll is-sens ta' post li ilu wieqaf għal eluf ta' snin, fiż-żmien meta l-bniedem f'Malta kien għadu ma bediex jaħseb biex jikteb, iżda kien wasal fl-istat li seta' jorganizza grupp ta' nies ħalli jibnu post sagru bħal dan. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-fatt li numru ta' studjużi jemmnu li dan it-tempju nbena biex joffru lil din il-komunità, u forsi l-kumplament tan-nies li kien hemm fuq il-gżejjer Maltin, b'arloġġ astronomiku li kien jagħti informazzjoni dwar il-kambjamenti ta' l-istaġuni.

Il-ġebel li naraw fuq quddiem ta' dan it-tempju jkompli jħajjarna ħalli nidħlu aktar 'il ġewwa mill-għatba, u hemm nispiċċaw fl-ewwel kamra. Kamra li fl-istess ħin toffri diversi rkejjen, aspetti u dettalji oħra li biex nitkellmu dwarhom inħalluhom għal appuntament ieħor.